**KULLEĠĠ SAN INJAZJU**
**Sekondarja Bniet, tal-Ħandaq**
**EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA 2013/2014**

**Rotta 2**

**IT-TIELET SENA** | **Il-MALTI** | **ĦIN: Sagħtejn**

**Isem u Kunjom:** ______________________________________ **Klassi:** __________

## L-istruzzjonijiet għall-istudenti:

1. **Wieġeb il-mistoqsijiet kollha kif mitluba.**
2. **Ortografija, punteġġjatura, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.**
3. **Meta tlesti, erġa' ara l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.**

---

## GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA

### L-ISKEMA TAL-MARKI *(tikteb xejn hawn taħt)*

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E(i) | E(ii) | F | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 10 | 22 | 8 | 10 | 15 | 15 | 20 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | | |

## KUMMENTI

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

## IS-SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

**Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet:**



Kemm għandu kotba z-ziju Pawl fil-librerija. Meta nikber ftit ieħor u nitgħallem **naqra** sewwa rrid naqrahom kollha. *(par.1)*

Hemm wieħed żgħir aħmar jingħalaq b'ċinga qasira u buttuna, iġenninni. Mimli stampi ta' suldati jimxu, jisparaw għarkupptejhom, b'tattiċi mill-aqwa, bilwieqfa u mimdudin. Kien jaqrah iz-ziju fil-gwerra meta kien surġent. Is-suldati nħobbhom. Hemm daqs erbgħin ktieb irqiq jgħidulhom tal-**mogħdija** taż-żmien, mimlijin stejjer. Kultant iz-zija taqrali minnhom. Imma z-ziju le, dak dejjem il-gazzetta jaqra. *(par.2)*

L-isbaħ kotba huma tmienja kbar, bil-qoxra ħamra, u bl-ittri tad-deheb, fuq l-istorja ta' Malta u tal-Knisja. Fihom ħafna stampi. Żewġ stampi jolqtuni wisq. F'waħda hemm gwerra bis-suldati rekbin fuq l-iljunfanti. Fl-oħra hemm żewġ **bastimenti** f'xatt b'baħar kristall. Dawn qegħdin jisparaw il-balel lejn xulxin u kaptan minnhom, li ta' min jgħid kellu għajn waħda mgħottija, qiegħed jidher jgħajjat biex isalpaw 'il barra mix-xatt. Iz-ziju qalli li dawn kienu pirati. Din l-istampa impressjonatni u domt naħseb ħafna fuqha u billejl ma statjx norqod. Allaħares kont f'nofs din il-battalja krudili. *(par.3)*

Hemm ħafna kotba oħra mimlijin stampi bil-kuluri ta' fjuri, basal u għodda tal-ġnien. Il-fjuri għandhom ismijiet tqal, bil-Latin qalli z-ziju. U tassew qisu l-kliem tal-**litanija**. L-iżjed stampa li għoġbitni fiha mitħna tar-riħ ħdejn kanal tal-ilma, u għalqa kollha fjuri sbieħ. Iz-ziju joqgħod jistudjahom dawn il-kotba, għaliex issa hu ġennien ma' wieħed sinjur jgħidulu ċ-Ċisk. Kultant Tittu tal-posta jġiblu ittri ħoxnin, u flok karti jkun fihom żrieragħ tal-fjuri. Kemm jirkibha tajjeb ir-rota Tittu! Drabi oħra jġibilna ittri mingħand Salvu ta' Tuneż, bil-bolla li jkun fiha mara b'maktur f'rasha qed ixxerred iż-żerriegħa. *(par.4)*

Il-librerija fiha kexxun dejjem imsakkar. Għandi kurżità kbira nara x'fih, imma għalkemm bil-moħbi ppruvajt iċ-ċwievet kollha, qatt ma rnexxieli niftħu. *(par.5)*

*(Silta meħuda u adattata minn **Fuq l-Għajn ta' San Bastjan** ta' Kilin)*

## A. FEHIM IT-TEST (10 marki)

**1.** Agħti isem lil din is-silta.

______________________________________________ **(marka)**

**2.** Lill-awtur jogħġbu ħafna l-ktieb taċ-ċinga. Għaliex jogħġbu dan il-ktieb? Xi stampi kellu fih?

______________________________________________

______________________________________________ **(2 marki)**

**3.** Min kien jaqra l-kotba tal-mogħdija taż-żmien lill-awtur?

______________________________________________ **(marka)**

**4.** Semmi żewġ raġunijiet li jagħti l-awtur biex juri li t-tmien kotba ħomor kienu l-isbaħ?

a.______________________________________________ **(½ marka)**

b.______________________________________________ **(½ marka)**

**5.** B'liema lingwa kienu l-ismijiet tal-fjuri?

______________________________________________ **(marka)**

**6.** X'kien l-aħħar xogħol taz-ziju Pawl?

ġardinar ❑ pustier ❑ suldat ❑ **(marka)**

**7.** Iz-ziju kien jieħu interess f'xogħlu meta kien jaħdem maċ-Ċisk. Veru ❑ Falz ❑
Minn paragrafu 4, ikkopja l-frażi li ssaħħaħ it-tweġiba tiegħek.

______________________________________________ **(marka)**

**8.** Min kien Tittu?

______________________________________________ **(marka)**

**9.** X'taħseb li kien fih il-kexxun imsakkar tal-librerija?

______________________________________________ **(marka)**

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (22 marka)

### LESSIKU / VOKABULARJU

**1.** Sib mis-silta kelmiet li jfissru dan li ġej:

**a.** nies li jattakkaw u jisirqu minn fuq il-baħar: ______________________________ **(marka)**

**b.** wieħed li jieħu ħsieb il-ward, ix-xitel u s-siġar: ______________________________ **(marka)**

**2.** Agħżel it-tifsira t-tajba tal-kliem <u>magħżul mis-silta</u> u aqta' sing taħtu:

| | Kelma | Tifsira |
|---|---|---|
| **a** | mogħdija *(par.2)* | passaġġ — passatemp — ħwejjeġ mgħoddijin bil-ħadid. |
| **b** | bastiment *(par.3)* | palk — moll qrib il-baħar — opra tal-baħar. |
| **ċ** | litanija *(par.4)* | talba twila — karba — ktieb tal-liġi. |

**(3 x 1 marka)**

**3.** Sib <u>kelma waħda</u> mis-silta li tfisser:

**a.** jogħġobni ħafna *(par.2)*: ______________________ **(marka)**

**b.** ċar ħafna *(par.3)*: ______________________ **(marka)**

**ċ.** lwien *(par.4)*: ______________________ **(marka)**

### ANALIŻI TESTWALI

**1.** Il-kelma ***hemm*** *(par.2)* għal-liema post qiegħda tirreferi?

__________________________________________________ **(marka)**

**2.** ***Drabi oħra jġibilna*** *(par.4)*. Din il-frażi turi li Tittu kien iġib l-ittri minn Tuneż:

**(a)** darba iva u darba le ❑

**(b)** darba fil-ġimgħa ❑

**(ċ)** kultant żmien ❑ **(marka)**

### SINTASSI

**1.** Ikteb din is-sentenza b'mod differenti, filwaqt li żżomm l-istess tifsira:

***"Il-fjuri għandhom ismijiet tqal", qalli z-ziju.*** *(par.5)*

__________________________________________________

__________________________________________________ **(2 marki)**

**GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA:** Aqra dan il-paragrafu u wara wieġeb il-mistoqsijiet.

**Thomas kisser il-vażun u dan spiċċa tfarrak f'elf biċċa. Tbikkem u tħawwad meta ftakar kemm kien għal qalb ommu dan il-vażun. Dawwar ħarstu n-naħa l-oħra u dabbar rasu minn fuq ix-xena tad-delitt u tar 'il barra! Il-ħġieġ intrifes minn ommu u din mill-ewwel xammet xi ħaġa tinten. Ħarġet tgħajjatlu quddiem sħabu kollha u xħin Thomas sema' ismu, hu ħmar. Mar staħba wara ċint imma ommu qabditu u kellu jiskuża ruħu. Wegħidha li mhux ser jerġa' jagħmel hekk.**

**Immarka l-kaxxa t-tajba b'sinjal ✓ :**

**1.** Dan huwa eżempju ta' verb sħiħ:

tefa ❑ tefa' ❑ waqa' ❑ **(marka)**

**2.** Dan huwa eżempju ta' verb dgħajjef:

kiser ❑ rifes ❑ mar ❑ **(marka)**

**3.** Il-verb *staħba* huwa:

tal-10 forma ❑ tas-6 forma ❑ tat-2 forma ❑ **(marka)**

**4.** Il-verb *tbikkem* huwa:

verb ewlieni ❑ verb imnissel ❑ kwadrilitteru ❑ **(marka)**

**Mill-paragrafu t'hawn fuq sib:**

**5.** Verb fit-tieni forma: ____________________________ **(marka)**

**6.** Verb fis-seba' forma: ____________________________ **(marka)**

**7.** Verb fid-disa' forma: ____________________________ **(marka)**

**8.** X'inhu l-għerq tal-verb *sema'*: _____________________ **(marka)**

**9.** X'inhu l-għerq tal-verb *dar*: _______________________ **(marka)**

**10.** Agħti l-mamma tal-verb *nikser*: ___________________ **(marka)**

## Ċ. Il-QWIEL u L-IDJOMI (8 marki)

**1. L-Idjomi:** Poġġi dawn l-idjomi dwar **l-Annimali** f'sentenzi biex turi li fhimt it-tifsira u l-użu sabiħ tagħhom fil-lingwa tagħna:

1) *qishom kelb u qattus* - ____________________________________________

2) *jorqod mat-tiġieġ* - ______________________________________________

3) *jilgħab tal-ors* - ________________________________________________

4) *miet bħal għasfur* - ______________________________________________

**(4 x 1 marki)**

**2. Il-Qwiel:** Din is-sena ltqajna ma' qwiel li jitkellmu dwar **Ix-Xorti u l-Fidi**. B'xi mod kollha jiddeskrivu kif fil-ħajja daqqa tiġik tajba u daqqa tiġik ħażina. Xi jfissru dawn il-qwiel ?

**i) Mhux dejjem tiġi żewġ:**

**(a)** meta jiġuk żewġ affarijiet ma' xulxin ❑

**(b)** dejjem tiġik tajba ❑

**(ċ)** waqtiet ix-xorti mhux dejjem tgħin lil dak li jkun ❑

**ii) Alla jtik ħaġa u jeħodlok oħra:**

**(a)** mhux kulħadd għandu l-istess doni ❑

**(b)** mhux dejjem se tiġik tajba u kif tridha ❑

**(ċ)** Alla biss jaf x'se jiġri fil-futur tagħna ❑ **(2 x 2 marki)**

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (10 marki)

**Agħżel A jew B**

**A.** Ikteb avviż ta' madwar **60 kelma** f'ġurnal lokali dwar attività li ser issir fir-raħal tiegħek biex jinġabru l-flus għall-karità. *Ħu ħsieb li tikteb fejn ser issir l-attività, il-ħin li ser tibda u tispiċċa, u x'ser ikun hemm.*

***JEW***

**B.** Ikteb reklam ta' madwar 60 kelma dwar il-ħanut ta' sbuħija li għadek kif ftaħt fir-raħel tiegħek. *Ħu ħsieb li tikteb fejn jinsab dan il-ħanut u fejn tista' ċċempel għal aktar informazzjoni.*

_____________________________________________________________________________________________

## E(i) Il-LETTERATURA – Il-Poeżija - Nadriet 3 (15-il marka)

**A. Imla l-vojt bil-kliem li jidher fil-kaxxa t'isfel. Fil-kaxxa hemm xi kliem żejjed li m'għandux jintuża.**

| **Achille Mizzi, solitudni, blata, nostalġika, ommu, plajja, tifkiriet, Dun Karm, metafora** |
|---|

Fil-poeżija **Waħdi** niltaqgħu mal-poeta ____________________ u dan jinsab waħdu fuq il-____________________ fuq xifer ta' ____________________ . Il-poeta jibda jaħseb fit-____________________ tal-imgħoddi; fil-kampanja, fi sħabu, fil-logħob li kien jilgħab, fil-familja tiegħu iżda l-aktar f'____________________. Din hija poeżija ____________________ l-għaliex il-poeta qiegħed jerġa' jmur lura fil-memorji ta' tfulitu. Barra minn hekk il-poeta juża kliem bħal 'sieket', 'ħiemed', 'għafsa ta' qalb', 'waħdi' u dawn ilkoll jirriflettu s-____________________ li jinsab fiha l-poeta. **(7 marki)**

**2. Immarka l-kaxxa t-tajba b'sinjal ✓ :**

**a.** Ix-xogħol letterarju ta' Anton Buttigieg, **Pitiross**, insejħulu:

poeżija ❑ poeproża ❑ proża ❑ **(marka)**

**b.** F'**Arizona** ta' Achille Mizzi nsibu l-vers: "*Xtieli muxgħara jriegħxu bit-tixwik*". Din il-figura tad-diskors hi:

apokope ❑

anafora ❑

alliterazzjoni ❑ **(marka)**

**3.** F'madwar 30 kelma, ikteb il-ħsieb tal-poeżija **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** ta' Ġorġ Borg.

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________**(6 marki)**

## E(ii) Il-LETTERATURA – Il-PROŻA (15-il marka)

**A.** Dawn il-mistoqsijiet huma fuq in-novelli mill-ktieb **Stejjer Għal Qabel Jidlam** ta' Oliver Friggieri.

**1.** Bejn min saret id-diskursata fl-istorja **Ix-Xemx fuq it-Tieqa?**

______________________________________________________________________________(marka)

**2.** Fl-istorja **L-Ewwel Telefonata** niltaqgħu ma' żewġ karattri. Dawn huma **F**_________________

u **K**_________________ . (2 marki)

**3.** Fl-istorja **It-Tifel tal-Baħar** Bertu kien jagħti daqqa t'id lill-**b**_________________. (marka)

**3. (a)** Irrakkonta f'madwar 40 kelma n-novella **L-Ewwel Telefonata.**

**JEW**

**(b)** Irrakkonta f'madwar 40 kelma n-novella **It-Tifel tal-Baħar.**

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________

______________________________________________________________________________(6 marki)

**A.** Dawn il-mistoqsijiet huma fuq in-novelli mill-ktieb **Stejjer taċ-Ċarrut** ta' Tarċisio Zarb.

**1.** Fejn kien mar jgħix James Grech wara li telaq lil ommu?

villa ❑ kmajra ❑ gabuba ❑ **(marka)**

**2.** Għalfejn kien biddel id-dehra tiegħu James Grech?

______________________________________________ **(marka)**

**3.** Wara żmien twil ta' xita u maltemp, iż-żerriegħa li ma gergritx ħarġet rasha minn ġol-

______________________________________________ **(marka)**

**4.** Luca kien baqa' ħaj (a) sena ❑ (b) ġimgħa ❑ (ċ) xahar ❑ wara l-inċident li kellu?
**(marka)**

**5.** F'**Ikteb Poeżija** l-għalliema spjegat b'mod tajjeb kif l-istudenti għandhom jiktbu poeżija?

veru ❑ falz ❑ **(marka)**

## F. Il-KOMPONIMENT (20 marka)

Agħżel **WIEĦED** minn dawn u ikteb madwar **250 kelma**. **(Attenta għall-iżbalji ortografiċi peress li dawn itellfu ħafna marki).**

**1. L-aħħar darba li kont fuq tal-linja ġralek inċident żgħir u ridt l-art tibilgħek. Irrakkonta din l-istorja.** *Meta tiġi biex tikteb dan il-komponiment narrattiv tinsiex iddaħħal x'kien ġralek u għaliex kont stħajt quddiem dawk in-nies kollha.*

**2. Ħafna jgħidu li t-*tablets* fil-klassi tal-iskola ser ikunu ta' tfixkil, waqt li oħrajn jgħidu li dawn se jiswew ta' għajnuna kbira lill-istudenti. Iddiskuti.** *Meta tiġi biex tikteb dan il-komponiment argumentattiv ftakar li trid tikkummenta fuq il-punti favur u fuq dawk kontra. Ngħidu aħna bit-tablets fil-klassi l-istudenti se jkollhom basktijiet eħfef imma min-naħa l-oħra dawn jistgħu jkunu ta' tfixkil waqt il-lezzjoni.*

**3. Ikkummenta fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-mara meta din tmur taħdem.** *Meta tiġi biex tikteb dan il-komponiment argumentattiv ftakar li trid tikkummenta fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi. Ngħidu aħna meta l-mara tmur taħdem din se taqla' l-paga imma min-naħa l-oħra se tqatta' inqas ħin ma' tal-familja.*

**4. Il-veduta mit-tieqa tal-klassi.** *Meta tiġi biex tikteb dan il-komponiment deskrittiv ftakar li trid tagħmel użu mill-ħames sensi. Ngħidu aħna mit-tieqa tal-klassi tista'tara s-siġar u l-fjuri li r-riħa tfuħ tagħhom tibqa' dieħla fil-klassi.*

***Pjan tal-Kitba:***

***Numru tal-komponiment***

▼